**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Mejju, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 164/01JR**

**CSMR (1994) Limited**

**vs**

**Dismar Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm90.90), bilanc minn soma akbar prezz ta' merkanzija lilhu mibjugh u kkonsenjat fuq ordni ta' l-istess;**

**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Jannar, 2001 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Davina Sullivan ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm90.90), bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Jannar, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Jannar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**